MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 122/1995/2

**Joseph u Carmela konjuġi Xuereb**
***versus***
**Angelo *sive* George Grech; u b'nota tat-18 ta' Frar 2003 Maria mart Mario Muscat assumiet l-atti tal-kawża minflok missierha msiefer Angelo *sive* George Grech; u Mario Muscat**

F'dawn il-proċeduri l-konvenuti-rikorrenti qegħdin jitolbu li tinstema' mill-ġdid, taħt l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kawża maqtugħa b'sentenza ta' din il-qorti tal-20 ta' Marzu 2006 għax igħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u illi s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Il-fatti relevanti huma dawn:
L-atturi-intimati, wara li fissru illi l-konvenuti fixkluhom fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom b'att ta' spoll, fetħu kawża u talbu illi l-qorti (1) tgħid illi l-konvenuti, jew xi wħud minnhom, ikkommettew spoll vjolenti u klandestin kontriehom, (2) tikkundannahom, jew lil min minnhom għamel l-ispoll, iqiegħdu kollox fl-istat li fih kien qabel l-ispoll, u, jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħmlu dan, (3) tagħti lill-atturi s-setgħa li jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa, bi flus il-konvenuti. Talbu wkoll l-ispejjeż.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:
1. il-konvenut Mario Muscat għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u
2. l-atturi jridu jagħmlu prova tal-pussess b'titolu li jiswa fil-liġi u mhux b'tolleranza.
B'sentenza mogħtija fit-3 t'Ottubru 2003 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' Mario Muscat u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjoni fil-meritu, qalet illi l-konvenut Angelo *sive* George Grech għamel spoll kontra l-atturi, ikkundannat lill-istess konvenut Angelo *sive* George Grech ireġġa' kollox kif kien qabel u, jekk jonqos, tat lill-atturi s-setgħa li jagħmlu bi flusu x-xogħlijiet meħtieġa, taħt id-direzzjoni ta' perit li nħatar għalhekk. Ikkundannat lill Angelo *sive* George Grech iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża. Għal xi raġuni – jew għax Mario Muscat kien inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju jew, x'aktarx, bi żvista – l-isem ta' Mario Muscat ma deherx bħala wieħed mill-konvenuti fl-*occhio* tal-kawża kif miġjub fis-sentenza.
Il-konvenut appella mis-sentenza, talab li titħassar, li jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet imressqa minnu, u jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-atturi-appellati, u ressaq dawn l-aggravji:
1. is-sentenza hija nulla għax fl-*occhio* ma jidhirx l-isem tal-partijiet kollha fil-kawża, billi ma jidhirx l-isem ta' Mario Muscat, li nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u
2. l-ewwel qorti naqset milli tqis l-eċċezzjoni li l-atturi jridu jagħmlu prova tal-pussess b'titolu li jiswa fil-liġi u mhux b'tolleranza.
L-appell instema' fis-7 ta' Frar 2005 u ġie differit għas-sentenza għad-29 t'April 2005. Fid-29 t'April 2005, iżda, il-qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u iddifferiet il-kawża għad-9 ta' Mejju 2005 għat-trattazzjoni "ta' l-

ewwel aggravju dwar in-nullità *o meno* tas-sentenza appellata u dwar il-mod kif inhi formulata t-talba u n-nuqqas ta' notifika ta' Mario Muscat". Fid-9 ta' Mejju 2005 imbagħad l-atturi-appellati talbu "li fl-okkju tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex fit-3 t'Ottubru 2003 jitniżżel l-isem ta' Mario Muscat bħala wieħed mill-konvenuti" Il-qorti, wara li semgħet it-talba, tat dan id-dikriet:

Rat l-artikolu 175 tal-Kap. 12; tilqa' t-talba u tordna li ssir il-korrezzjoni opportuna kif mitlub fir-rikors ta' l-appell u l-atti l-oħra kollha sussegwenti.

Il-verbal tas-seduta jkompli jgħid hekk:

*In vista* ta' l-imsemmija korrezzjoni u *in vista* tal-fatt li Mario Muscat illum, u kif dejjem kien, huwa parti f'din il-kawża bħala konvenut, jidher li r-rikors ta' l-appell ma ġiex notifikat *entro* t-terminu ta' sena lill-imsemmi Mario Muscat.

Fid-dawl tal-fatt illi t-talba fir-rikors ta' appell hija għar-revoka tas-sentenza u mhux għar-riforma tagħha, u fid-dawl tal-fatt ukoll li l-konvenut Mario Muscat ma ġiex notifikat *entro* t-terminu ta' sena bir-rikors ta' l-appell, il-qorti ser tiddifferixxi dan l-appell għall-aħħar darba għat-13 ta' Ġunju 2005 fil-11.00 *a.m.* u dan sabiex jiġi trattat il-punt jekk l-istess rikors ta' appell għandux jiġi dikjarat deżert.

Wara li l-appell reġa' ġie differit għall-20 ta'Ġunju 2005 u għall-24 t'Ottubru 2005, fl-24 t'Ottubru 2005, billi l-konvenut-appellant u d-difensur tiegħu ma dehrux, il-qorti, wara li rat l-art. 209(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iddikjarat l-appell deżert.

Wara li l-konvenut-appellant, b'rikors tat-28 t'Ottubru 2005, talab illi l-appell jerġa' jitqiegħed fuq il-lista biex jinstema', il-qorti b'dikriet tal-11 ta' Novembru 2005 ordnat illi l-appell jinstema' fid-9 ta' Jannar 2006. Dakinhar il-konvenut-appellant u l-avukat tiegħu reġgħu ma dehrux u l-appell reġa' ġie dikjarat deżert. Reġgħet sraet talba, b'rikors tat-13 ta' Jannar 2006, għar-ri-appuntament tal-kawża, u l-appell reġa' tqiegħed fuq il-lista tas-6 ta' Marzu 2006. Dak inhar il-kawża ġiet differita għall-20 ta' Marzu 2006 "għal deċiżjoni fuq il-kwistjoni ta' jekk l-istess appell għandux jiġi dikjarat deżert peress li ma ġiex notifikat *entro* t-terminu ta' sena lil Mario Muscat".

Fl-20 ta’ Marzu 2006 imbagħad ingħatat is-sentenza li, fil-parti dispożittiva tagħha, tgħid hekk:

… … … din il-qorti tiddikjara l-kawża deżerta fit-termini ta’ l-artikolu 963(5)(*b*) tal-Kap. 12 u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta’l-appell. Spejjeż a karigu ta’ l-appellant.

Il-konvenuti mbagħad – kemm il-konvenut-appellant Angelo *sive* George Grech kif ukoll il-konvenut Mario Muscat, li kien inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju – b’rikors tat-18 ta’ Mejju 2006 talbu illil-kawża tinstema’ mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza tal-20 ta’ Marzu 2006, u hekk fetħu dawn il-proċeduri tallum ta’ ritrattazzjoni, li qiegħda tintalab taħt il-paragrafi (*e*) u (*l*) ta’ l-art. 811 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**811.** Kawża deċiża b’sentenza mogħtija fi grad ta’ appell tista’, fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*e*) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.

Dwar it-talba taħt il-para. (*e*) ir-rikors għar-ritrattazzjoni jgħid hekk:

Illi fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2005, id-difensur ta’ l-appellati talab korrezzjoni tas-sentenza appellata, billi jiżdied l-isem ta’ Mario Muscat bħala wieħed mill-konvenuti. Din it-talba evidentement saret a tenur ta’ l-artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid: “*the Court may, at any stage of the proceedings, at the request of*

*any of the parties, until judgement is delivered after hearing where necessary the parties, order the substitution of any act or permit any written pleading to be amended, either by adding or striking out the name of any party and substituting any name thereof or by correcting any mistake or by causing other submissions of fact or of laws to be added even by a separate note, provided that no such substitution or amendment shall affect the substance either of the action or of the defence on the merits of the case*".

Din il-korrezzjoni qatt ma setgħet tintalab u lanqas setgħet tingħata għal mill-inqas żewġ raġunijiet:-

a. l-ebda qorti, lanqas l-onorabbli Qorti ta' l-Appell mhu mogħti lilha li tikkorreġi sentenza mogħtija minn qorti ohra. *Se mai* Qorti ta' l-Appell hija qorti ta' reviżjoni għal dak li jirrigwarda l-mertu u mhux li tikkorreġi atti ta' qorti ohra.

b. tali korrezzjoni bi ksur ta' l-artikolu 175(1) kienet sejra tagħmel differenza u kienet sejra taffettwa s-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eċċezzjoni għaliex, kif ingħad fl-imsemmija sentenza, wahda mill-preġudizzjali ta' l-appell kienet li "s-sentenza hija nulla billi l-okkju tagħha ma jinkludix il-partijiet kollha fil-kawza u *cioè* Mario Muscat li eventwalment ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju".

Jekk dina l-aħħar raġuni kinetx soda biżżejjed biex is-sentenza appellata għandhiex tiġi dikjarata nulla nkella le kellha tkun mertu ta' trattazzjoni u deċiżjoni *ad hoc*.

Kien ikun biss fil-każ li 'l-qorti deherilha li ma kienx hemm lok għal annullament tas-sentenza minħabba n-nuqqas sollevat li mbagħad setgħet tintalab il-korrezzjoni ta' l-okkju. Bil-mod kif aġixxiet l-onorabbli qorti f'dan il-każ, injorat kompletament il-preġudizzjali ta' l-esponenti u għaddiet biex tordna l-korrezzjoni qisu dik il-pregudizzjali qatt ma ġiet magħmula.

Illi fis-sentenza li qiegħda tiġi attakkata, ikompli jingħad: "Din il-qorti b'dikriet mogħti dak inhar stess, ipprovdiet billi – evidentement *in vista* ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 li jippermetti korrezzjonijiet *ex officio* – ordnat il-korrezzjoni opportuna kif mitlub fir-rikors ta' l-appell u l-atti l-oħra kollha sussegwenti".

Illi hawnhekk ukoll hawn applikazzjoni ħażina tal-liġi. L-artikolu 175(3) ma jagħtix il-fakoltà lill-Qorti ta' l-Appell li

tikkorreġi r-rikors ta' l-appellant. Dan is-subinċiz jipprovdi li "*any judicial or administrative omission or mistake in a judicial act may until the Court shall have delivered judgement and disposed of the case be remedied by the Court of its own motion*". Dan ma kienx każ ta' żball jew omissjoni amministrattiva. Il-konvenut appellant kien konxju ta' l-okkju kif kien intavolat mingħajr l-isem ta' Mario Muscat. Infatti ssolleva l-kwistjoni bħala waħda mill-preġudizzjali ta' l-appell tiegħu. Kif tiġi l-Qorti ta' l-Appell *sua sponte* u tordna korrezzjoni ta' xi ħaġa li huwa stess u deliberatament intavolaha bil-mod kif kienet intavolata?

Dwar it-talba taħt il-para. (*l*) ir-rikors għar-ritrattazzjoni jgħid hekk:

Illi għar-raġunijiet fuq imsemmija u ġà svolti f'dan ir-rikors hemm ukoll lok għal ritrattazzjoni a tenur ta' l-artikolu 811(1) li jipprovdi għal ritrattazzjoni meta s-sentenza hija riżultat ta' żball li jirriżulta mill-atti tal-kawża. Il-konsegwenza ta' din il-korrezzjoni u bl-inklużjoni tal-konvenut Mario Muscat fl-okkju irriżuta dak li ngħad fil-verbal tad-9 ta' Mejju 2005 u *cioè* "*in vista* ta' l-imsemmija korrezzjoni u *in vista* tal-fatt li Mario Muscat illum, u kif dejjem kien, huwa parti f'din il-kawża bħala konvenut, jidher li r-rikors ta' l-appell ma ġiex notifikat *entro* t-terminu ta' sena lill-imsemmi Mario Muscat". Altru milli affettwat is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eċċezzjoni tali korrezzjoni. Tant affettwat is-sustanza li minħabba l-korrezzjoni l-appell ġie dikjarat deżert.

Il-qorti rat ukoll it-tweġiba ta' l-atturi-intimati, u semgħet it-trattazzjoni.

Ngħaddu issa biex inqisu t-talbiet għat-tħassir tas-sentenza, u nibdew bit-talba taħt il-para. 811(*e*) – applikazzjoni ħażina tal-liġi.

Għandu jingħad qabel xejn illi sentenza tista' titħassar minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi jekk il-qorti li tkun tat dik is-sentenza tkun "applikat dispożizzjoni tal-liġi flok dispożizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (*e*) *nonostante* li l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan

il-motiv, irid jintwera li l-qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi l-ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin"[1].

Il-konvenuti-rikorrenti jitilqu mill-premessa illi din il-qorti kienet ordnat iż-żjieda ta' l-isem ta' Mario Muscat fl-*occhio* bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha taħt l-art. 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan iżda ma huwiex minnu. Fid-dikriet ta' korrezzjoni tad-9 ta' Mejju 2005 jissemma l-art. 175 kollu u mhux xi sub-artikolu partikolari tiegħu; fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 2006 imbagħad il-qorti fissret illi l-korrezzjoni kienet ingħatat "evidentement *in vista* ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 li jippermetti korrezzjonijiet *ex officio*".

Jekk il-konvenuti-rikorrenti qegħdin igħidu illi l-qorti kien imissha strieħet fuq il-para. (1) ta' l-art. 175 flok fuq il-para. (3), mela qegħdin jikkontradiċu ruħhom meta jgħidu illi l-korrezzjoni, li kieku ngħatat taħt dak il-paragrafu, kienet tkun "bi ksur ta' l-artikolu 175(1) [għax] kienet sejra tagħmel differenza u kienet sejra taffettwa s-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eċċezzjoni".

Fil-fatt ma kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għax il-korrezzjoni saret sew taħt il-para. (3) billi l-qorti ordnat korrezzjoni ta' "żball ġudizzjarju".

Il-qorti ordnat korrezzjoni wkoll fir-rikors ta' l-appell; dan setgħet tagħmlu wkoll minn jeddha, għax meta tat id-dikriet ta' korrezzjoni fid-9 ta' Mejju 2005 straħet fuq l-art. 175 kollu, u ma hemmx dubju illi kellha s-setgħa tordna dik il-korrezzjoni taħt il-para. (2), li jgħid illi qorti fi grad ta' appell "tista' wkoll tordna [*sc.* minn jeddha] jew tippermetti [*sc.* wara talba għalhekk], f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell".

Wara kollox, li kieku ma saritx dik il-korrezzjoni, u n-nuqqas ta' l-isem ta' Mario Muscat fl-*occhio* tas-sentenza kien ikun, kif igħidu l-istess konvenuti-rikorrenti, raġuni ta' nullità tas-sentenza, kien ikun daqstant ieħor raġuni ta' nullità tar-rikors ta' l-appell għax fuq l-*occhio* kif muri fuq dak ir-rikors ukoll ma jidhirx l-isem ta' Mario Muscat bħala wieħed mill-konvenuti! Kien għalhekk fl-interess tal-

---

[1] **Reginald Micallet** ***et noe vs*** **Godwin Abela** ***et noe***, Q. App. 3 ta' Gunju, 1994.

konvenut-appellant stess illi l-qorti ordnat korrezzjoni wkoll fir-rikors ta’ l-appell tiegħu.

Billi, għal dawn ir-raġunijiet, ma kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għall-għanijiet ta’ l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-talba għat-tħassir tas-sentenza taħt dak il-paragrafu ma tistax tintlaqa’.

Ngħaddu issa għat-talba taħtil-para. (*l*) – żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Ir-rikors ta’ ritrattazzjoni, iżda, imkien ma jfisser dan l-iżball x’inhu, jew fejn il-qorti kienet bniet is-sentenza “fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament”. Jidher ċar, fil-fehma ta’ din il-qorti, illi t-talba taħt dan il-paragrafu hija waħda frivola u ma saritx b’serjetà.

Għalhekk lanqas it-talba għat-tħassir tas-sentenza taħt l-art. 811(*l*) ma tista’ tintlaqa’.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tat-18 ta’ Mejju 2006, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti-rikorrenti. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talba għar-ritrattazzjoni kienet fiergħa u vessatorja, maħsuba biex ittawwal għalxejn il-proċeduri, il-qorti, wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti-rikorrenti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta’ mitejn u ħamsin lira (Lm250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------